MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 661/2002/1

John Peter Stanton
vs
Schembri and Sons Ltd.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li permezz taghha ippremetta:

Illi fil-11 t'April, 2001 l-attur - li kien impjegat tas-socjeta` konvenuta - waqt li kien qed jahdem fil-lokal tas-socjeta` fuq magna li taghmel il-'*moulds*' tal-'*concrete*' korra gravament u kien jehtieglu li subghajh tan-nofs ta' l-id il-leminija jkunlu amputat b'konsegwenza tal-korriment;

Illi l-imsemmi incident sehh billi l-parti ta' fuq tal-magna - liema magna kienet difettuza - waqghet fuq is-suba' ta' id il-leminija tal-konvenut [*recte* attur] meta li kieku ma kinitx difettuza ma kienx jigri hekk;

Illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-istat difettuz tal-magna u hija responsabbli ghall-korriment u ghad-danni kollha konsegwenzjali li l-attur garrab;

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident li sehh fil-11 t'April 2001 fil-lokal tas-socjeta` konvenuta meta parti mill-magna tal-'*concrete moulds'* nizlet fuq suba' ta' l-attur kien dovut ghal difett fl-istess magna u ghalhekk tiddikjara li l-imsemmi incident kienet responsabbli ghalih is-socjeta` konvenuta;

2. Tillikwida d-danni kollha skond il-ligi li l-attur sofra u se jsofri b'konsegwenza ta' l-imsemmi korriment;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati f'terminu perentorju, bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 2002 kontra s-socjeta` konvenuta li rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu *stante* li ghal-incident in kwistjoni s-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda htija.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` konvenuta.

**C. PROVI:**

Fit-8 ta’ Jannar, 2003 giet nominata Dr. Evelyn Caruana Demajo bhala perit legali.

Gie prezentat affidavit tar-rikorrent John Peter Stanton u semma li fil-kopji tal- FS3 ghas-snin li spiccaw 1998, 1999, u 2000 hemm imnizzel li l-paga bazika kienet Lm50, Lm51.75 and Lm52.75 fil-gimgha rispettivament. Izda dan mhux minnu u l-*payslip* ghall-gimgha 7 ta’ Awissu sat-18 ta’ Awissu 2000 (Dok. JPS4) juri dan. Minn dik il-*payslip* jidher car li hu kien dahhal Lm3,396.63 ghal zewg terzi tal-paga tas-sena li jfisser Lm5,095.78 fis-sena. Sostna ghalhekk li kellu Lm94.71 fil-gimgha u dan kien in-*net pay income.*

Rat ir-rapport ta’ Dr. Evelyn Caruana Demajo fejn fost affarijiet ohra semmiet:

“Il-Fatti

L-incident sehh meta l-attur kien qieghed jahdem fuq magna li taghmel *concrete* fil-forom. Fid-dizinn originali tal-magna l-forom kienu jitwahhlu mal-parti ta’ taht tal-magna b’*self tapping screws.* Billi, izda, l-produzzjoni ghas-suq lokali hija limitata, u ma huwiex fattibbli li jkun hemm magna differenti ghal kull forma differenti, is-socjeta’ konvenuta kienet tibdel il-forom flok tuza magna ohra biex taghmel *concrete* ta’ daqs jew ghamla differenti. Minhabba f’hekk il-forom ikollhom jinbidlu xi erba’ darbiet fil-gimgha, li huwa hafna aktar spiss milli kien mahsub fid-dizinn tal-magna, u ghalhekk inholoq sistema fejn il-forom jitwahhlu mhux b’*self tapping screws* izda b’sistema ta’ viti u skorfini (*bolts and nuts*).

Johann Farrugia, manager tas-socjeta’ konvenuta, spjega l-modifikazzjoni li saret fil-magna hekk:

*Our market is small and therefore we have to change the moulds more often than usual to accommodate the demand, so there is a tendency that the thread of the bolts erodes with the constant screwing and unscrewing*

*of the bolts more than usual. In the case of our machine this is what happened and we had to find an alternative*.[1]

Qabel ma ghamlet dan it-tibdil is-socjeta’ konvenuta kkonsultat mad-ditta barranija li kienet ipproduciet il-magna biex tiehu l-parir taghha, u din wiegbet hekk:

*The machine was produced to CE marking. We have discussed the method that you intend to use for the dismantling of the moulds with our technical and engineering department and now we conclude that this method will not jeopardise the operations nor the safety requirements of the machine. The bolt and nut connection is more suitable to companies who like you have to change the moulds regularly since Malta is a small country and competition is high. With regular use the thread will most likely be ruined very often thus you have the possibility of changing the bolt and nut whenever your maintenance deems fit. We will send you a sketch to show the modification on plan. This machine still conforms to CE...*

Ghalhekk, biex il-bdil tal-forom isir bla perikolu, hu mehtieg illi min jaghmel dan ix-xoghol isegwi procedura specifika. Ma ngibitx prova illi din il-procedura kienet maghrufa sew minn min kien jitqabbad biex jaghmel dan ix-xoghol...

*Whenever I asked one of the directors to change the bolts and rethread the parts that receive the bolts he used to tell me that it was not possible to stop the machine/mould from being used because the orders of clients were continuous. Such a job would involve three or four days of work. ... ... ...*

Ghalkemm, f’okkazjonijiet precedenti, l-attur kien ghamel xi zmien - bejn erba’ u sitt xhur - jahdem fuq din il-magna, xogholu kien ihaddimha ghall-produzzjoni, mhux jibdel il-forom...*I operate the machine by pressing the buttons and throw[ing] water on the concrete, but if it stops I have to*

[1] Xhieda ta’ Johann Farrugia fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2006.

*call in the engineer because I do not know how to fix it myself...*

Dan juri, fil-fehma ta' l-esponenti, illi l-attur ma kienx familjari mal-proceduri msemmija fuq; kien biss jghin lil haddiehor u joqghod fuq dak li jaghmel u jghidlu jaghmel haddiehor. Juri wkoll illi anke minn xogholu kien li jibdel il-forom ma kienx wisq familjari mal-proceduri korretti, tant illi, kif xehed it-*technician* Mario Demicoli, kienet issir hsara lill-viti *"over a period of time of wrong use"*.

L-esperti teknici irrelataw hekk dwar l-istat tal-magna:

*1. The machine was not defective, but there was;*
*a. poor grasp of the machine alterations;*
*b. over-familiarity with danger through habit and failure to take dangerous situations seriously;*
*c. failure to comply with procedures, as these were not clear*

*2. It is also the opinion of the technical expert that changing of mould as was the case in question should have been left in the hands of personnel conversant with the job.*

*3. Because procedures were not up to scratch, it would have only been a question of time before anybody would have got hurt whilst changing the mould on the machine.*

Fil-fatt, l-incident li dwaru saret din il-kawza ma kienx l-uniku wiehed b'din il-magna. L-attur xehed li jaf b'zewg haddiema ohra li kienu wegghu, u incident iehor li fih kien wegga' hu stess, ghalkemm f'ebda kaz il-konsegwenzi ma kienu serji daqs fil-kaz li dwaru saret il-kawza.

Dakinhar ta' l-incident xi haddiema tal-konvenuta kienu qeghdin jaqilghu forma biex jibdluha u, meta kienu ga' bdew dan ix-xoghol, l-attur intbaghat flok wiehed minnhom. Dan ma kienx ix-xoghol normali ta' l-attur....

*Marvin got called away to go out shopping and then the boss told me to go on the machine to change the moulds.*

*This machine functions by applying great weight onto metal tubes that are pressed into the moulds that would be underneath. As soon as the heavy top part of the machine comes down and is in place upon the tubes that are on the ground, they have to be bolted together. On the occasion I am recounting we were in the act of taking the tubes off the machine after they had been pressed and moulded. We were going to put tubes of a different size. Once the machine is unscrewed, the tubes come off.*[2]

Jidher illi l-viti ma kinux inhallu fl-ordni kif suppost - l-ewwel tat-tarf u, wara, dawk tan-nofs - u wkoll ma tqeghdux is-serratizzi biex il-piz iserrah fuqhom. Dan irrizulta lill-periti teknici waqt access li nzamm fl-11 ta' Dicembru 2006.

L-attur kompla biex ifisser kif sehh l-incident...*I happened to have my right hand on the tubes while I was holding the spanner on the nuts. Obviously, I had to lean down and crouch in order to be able to hold the spanner. As I said, on this occasion as soon as the last bolt was released the top part of the machine came down all of a sudden.*

*I must say that I was supporting myself with my right hand because I knew that the top part of the machine was not supposed to come down. It is only the tubes that come down.*

*My hand was thereby caught between the machine and the tubes ... ... ...*[3]

Responsabbilta':
Huwa dmir ta' min ihaddem illi jipprovdi *a safe system of work*, fejn ikunu eliminati l-perikoli u r-riskji li jistghu jigu eliminati, ikunu identifikati u mnaqqsa r-riskji u l-perikoli li ma jistghux jigu eliminati ghal kolllox, ikun hemm sistema ta' sorveljanza biex ikunu identifikati u mibdula pratici hziena ta' xoghol, u jkunu stabbiliti proceduri ghall-harsien tas-sahha u l-inkolumita` ta' min ikun fuq il-post tax-

[2] Xhieda ta' l-attur fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2003.
[3] Xhieda ta' l-attur fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2003.

xoghol. Dawn il-principji gew kodifikati fl-Att dwar l-Awtorita’ ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol [Kap. 424 - Att XXVII ta’ l-2000, kif emendat] li jghid hekk fost hwejjeg ohra:

**6.** (1) Min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem:
*... ... ...*
Izda wkoll l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha u s-sigurta’ fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jaffettwaw il-principju tar-responsabbilta’ ta’ min ihaddem.

(2) Il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol, ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta’ dawn il-principji generali ta’ prevenzjoni li gejjin, jigifieri -
(a) li jigi evitat riskju;
(b) l-identifikazzjoni ta’ perikli assocjati max-xoghol;
(c) l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;
(d) il-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati;
(e) li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskju kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz b’dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz;

L-esponenti hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta naqset serjament f’dan id-dmir, ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Ma ghamlitx dak li kien mehtieg biex il-procedura korretta ghall-bdil tal-forom tkun maghrufa sew u invarjabbilment applikata minn kull min kellu jaghmel jew ikun imqabbad jaghmel dan ix-xoghol. Dwar dan il-periti teknici qalu hekk:

*Changes in design bring about responsibilities associated with new methods of work, however, innovations when introduced to the workplace, must not increase the worker’s risk associated with injury.*

L-esperti kienu tal-fehma wkoll illi kien hemm:

- *Unclear designation of duties as to who should put in the safety beams underneath the mould when the mould was to be changed;*
- *Unclear and precise method statement as to how the mould is to be changed. This being more pronounced during the inquest.*

2. Qabbdet lill-attur jghin fil-bdil tal-forom meta ma kienx inghata t-tahrig u l-istruzzjonijiet precizi mehtiega biex dan ix-xoghol ikun jista' jaghmlu sew u bla perikolu. Dwar dan il-periti teknici qalu hekk:

*Within the parameters of changing moulds lies the responsibility of assigning personnel conversant with the job. Moulds are not changed ad hoc by personnel that are around and available. These works are carried out by personnel conversant with the job.*

Fil-fatt l-attur xehed hekk:

*Then I did not know that you had to place wooden beams under the moulds. I did not know what they are there for. Now I know that they are there to stop the machine from falling.*[4]

Anke Johann Farrugia, *manager* tas-socjeta' konvenuta, stqarr illi l-attur kien jaghmel biss "xoghol generali"[5], u evidentement ghalhekk ma nghatax l-istruzzjonijiet precizi mehtiega minhabba fil-modifikazzjoni tal-magna.

3. Ippermettiet illi *"over a period of time of wrong use"* ma jitharsux il-proceduri u hekk il-magna saritilha hsara u saret aktar perikoluza;

4. Ma kinitx thalli li jsiru t-tiswijiet li kienu jkunu mehtiega, biex ma titlifx hin ta' produzzjoni, u hekk halliet li tkompli tintuza magna li potenzjalment saret perikoluza.

L-esponenti ghalhekk tissottometti illi minhabba f'dawn in-nuqqasijiet is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-

[4] Xhieda ta' l-attur fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2005.
[5] Affidavit ta' Johann Farrugia tal-5 t'Ottubru 2005.

incident u ghad-danni li garrab l-attur b'konsegwenza ta' l-incident.

Il-konvenuta tipprova titfa' l-htija fuq l-attur billi tghid illi kien imissu jara li jkun hemm is-serratizzi. Fil-fehma ta' l-esponenti l-konvenuta ma tistax tiskolpa ruhha b'dan il-mod. Barra mill-fatt li tibqa' dejjem responsabbilta' taghha li tohloq *a safe system of work* ghax "l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha u tas-sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jaffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem", fil-kaz tallum l-attur (a) ma kienx mgharraf dwar il-htiega tas-serratizzi u (b) intbaghat jghin meta kien ga' nbeda x-xoghol tal-bdil tal-forma u meta, ghalhekk, il-prekawzjonijiet suppost kienu ga' ttiehdu...

Likwidazzjoni tad-Danni

B'konsegwenza ta' l-incident l-attur tilef sebghu tan-nofs ta' idu l-leminija, li hija l-id dominanti. Il-kirurgu li operah xehed illi, wara li kura konservattiva ma rnexxietx, kienet giet amputata l-parti mghaffga tas-suba'. Billi izda l-ugigh xorta ma battiex, kellhom jigu progressivament amputati bicciet ohra f'erba' operazzjonijiet bejn Gunju 2001 u Lulju tas-sena ta' wara, l-2002. Sallum, izda, ghalkemm l-attur imur regolarment fil-*pain clinic* ta' l-isptar, l-ugigh ghadu hemm u jsir insopportabbli jekk l-attur imiss jew jolqot xi haga b'idu. Il-kirurgu fil-fatt qal hekk:

*In his case he developed the complex regional pain syndrome in its severe form and involving the whole hand. ... ... ... The last operation was done on 16 July 2002 and I performed a ray amputation i.e. I removed the metacarpal and cut back the nerve to the base of the hand. Despite this, the svere pain persisted. The complications that [have] developed in this case were devastating.*[6]

Effettivament, l-attur tilef ghal kollox l-uzu ta' idu l-leminija, l-id dominanti, tant illi l-Kirurgu Carmel Apap Bologna

[6] Xhieda tal-Kirurgu Carmel Sciberras fis-seduta tat-23 ta' Frar 2004.

f'certifikat minnu mahrug fit-3 t'Ottubru 2002 jghid illi ghandu debilita' permanenti ta' erbghin fil-mija (40%). Ghalkemm il-Kirurgu Apap Bologna kien xhur imressaq *ex parte,* l-opinjoni tieghu ma gietx kontestata, u fil-fehma ta' l-esponenti hija realistika hafna meta tqis illi l-attur tilef l-uzu ta' l-id dominanti.

Barra minn hekk, l-attur garrab ukoll danni psikologici li ghalihom qieghed jiehu kura, izda ma ngibitx xhieda dwar il-grad ta' debilita' psikologika.

*Damnum Emergens*

Bhala *damnum emergens* l-attur qieghed jippretendi l-ispejjez tal-medicini li kellu jiehu ghall-ugigh u ghall-komplikazzjonijiet konsegwenza ta' l-incident sakemm fl-2003 inhargitlu l-*yellow card* biex jiehu dawn il-medicini bla hlas. Esebixxa ricevuta ma' *affidavit* tad-9 ta' Lulju 2004 li turi li, bejn il-11 t'April 2001 sad-29 ta' Lulju 2003 - tliet xhur u nofs - xtara dawn il-medicini:

- *Co-Amoxiclav 625mg tablets (Augmentin ®) - 3 pakketti @ Lm5.79*
- *Ciprofloxacin 500mg tablets (Ciprobay ®) - 2 pakketti @ Lm9.98*
- *Diclofenac 50mg tablets (Voltaren ®) - 30 pakkett @ Lm3.89*
- *Mefanamic acid 500 mg tablets (Ponstan ® Forte) - 10 pakketti @ Lm4.66*

Fi tliet xhur u nofs ghalhekk nefaq Lm200.63, jew €467.34, li jigi bejn wiehed u iehor €134 kull xahar. Dan madwar sentejn sakemm inhargitlu l-*yellow card* u ghalhekk b'kollox nefaq €3,216.

Xehed ukoll illi ghadu jixtri *pain killers* bi flusu ghax dawn ma jinghatawlux bil-*yellow card* u illi jkollu jhallas ghal trasport biex imur regolarment l-isptar[7]. L-istima ghal dawn l-ispejjez, fil-bicca l-kbira futuri, tista' ssir biss *arbitrio boni viri* u, billi l-attur kellu 47 sena meta sehh l-incident u dawn huma spejjez marbuta mhux mal-*working*

[7] Xhieda ta' l-attur fis-seduta tat-30 t'April 2003.

*life expectancy* izda mal-*life expectancy* tieghu, l-esponenti tissottometti illi nefqa ta' €500 fis-sena ghal 30 sena - b'kollox €15,000 - tkun ragonevoli u realistika.

L-esponenti ghalhekk tissottometti bir-rispett illi d-*damnum emergens* ghandu jigi likwidat fis-somma ta' €18,216.

*Lucrum Cessans*

L-attur kellu 47 sena meta korra u ghalhekk l-esponenti tissottometti illi *multiplier* ta' 13-il sena jkun xieraq fic-cirkostanzi.

B'*affidavit* tas-7 ta' Lulju 2004 xehed illi kellu dhul ta' madwar €210 fil-gimgha, jew €10,920 fis-sena. Meta tqis it-tul tal-*multiplier*, l-inflazzjoni u z-zjidiet fil-pagi, dhul medju ta' €12,250 fis-sena jkun xieraq.

Tassew illi l-attur ircieva *sickness benefits* taht is-sistema tas-Sigurta` Socjali. Billi, izda, dawn huma beneficcji kontributorji li l-attur hallas ghalihom matul il-hajja lavorattiva tieghu, ma ghandux isir tnaqqis dwarhom.

Bhala grad ta' debilita` permanenti l-esponenti sejra timxi fuq il-grad ta' 40% stabbilit mill-kirurgu, biss tissottometti illi jidher car li l-attur sar ibati minn debilita' psikologika qawwija u evidenti, u tissottometti illi jkun xieraq illi din il-Onorabbli Qorti tikkonsidra ghandhiex tahtar espert psikologiku biex jistabilixxi l-grad ta' din id-debilita' wkoll. F'dan l-istadju, izda, l-esponenti tista' tistabilixxi biss il-*lucrum cessans* minhabba debilita' fizika biss.

Telf ta' 40% fuq dhul medju annwali ta' €12,250 ghal 13-il sena jaghti *lucrum cessans* ta' (€12,250 x 13 x 40% =) €63,700....

Konkluzjoni
L-esponenti ghalhekk tissottometti li:

1. l-ewwel talba ta' l-attur ghandha tintlaqa' u s-socjeta` konvenuta ghandha tigi dikjarata responsabbli ghall-incident;

2. id-danni ghandhom jigu likwidati hekk: €18,216 bhala *damnum emergens* u €63,700 bhala *lucrum cessans*, b'kollox €81,916;

3. is-socjeta' konvenuta ghandha tigi kundannata thallas lill-attur wiehed u tmenin elf, disa' mija u sittax-il euro (€81,916) bhala danni, flimkien ma' l-ispejjez kollha tal-kawza.

Fl-ahharnett l-esponenti ttenni s-suggeriment taghha illi, sabiex issir gustizzja shiha ma' l-attur, ikun konsiljabbli illi ssir ukoll perizja psikologika.

Rat li fit-3 ta' Novembru 2003 gew nominati l-Inginiera Nicholas Bellizzi u Emanuel Scerri bhala periti teknici. F'dan ir-rapport huma semmew il-Machinery Directive 98/37/EC, il-Machinery maintenance, il- Factories (Health, Safety and Welfare) Regulations, 1986 (Maltese legislation) Part V - General Duties Art 46, 47, 49, 50. Ikkonkludew:

"*From the afore said the following can be said regarding the cause of the incidence whereby Mr John Peter Stanton suffered physical damages on the 11th April, 2001*:

*1. The machine was not defective, but there was;*

*a. poor grasp of the machine alterations*

*b. over familiarity with danger through habit and failure to take dangerous situations seriously*

*c. failure to comply with procedures, as these where not clear*

*2. It is also the opinion of the technical expert that changing of mould as was the case in question should have been left in the hands of personnel conversant with the job.*

*3. Because procedures where not up to scratch, it would have only been a question of time before anybody would have got hurt whilst changing the mould on the machine."*

Fis-seduta datata 22 ta' April 2009, gie nominat il-Professur Peter Muscat bhala espert psikjatra.

A fol 414 hemm ir-rapport mediku tal-Professur Peter Muscat, fejn ikkonkluda li:
"*On examination he was obviously in pain and severely depressed.*

*He is suffering from:*
*1 Complex regional pain syndrome*
*2 Depression*
*3 Post Traumatic stress Disorder*

*His multitude of physical, psychological and psychiatric problems has rendered him unable to be gainfully employed and have severely restricted his life.*

*According to the Global assessment of Functioning (GAF) Scale on a scale of 0 - 100, where 100 denotes superior functioning, he scores at 30, representing a disability of 70%."*

Fis-seduta datata 22 ta' Aprill 2010, Dr. George Debono, Dr. Anton Grech u Dr. A. Vella Baldacchino gew nominati bhala periti perizjuri.

Fit-30 ta' Mejju 2012, is-seduta giet differita ghall-ahhar darba b'dan li jekk ma jilhaqx isir il-hlas tal-periti perizjuri, il-Qorti tordna l-isfilz tat-tieni rapport u timxi fuq dak li hemm fil-process. Fis-seduta datata 4 ta' Gunju, 2012, minhabba li ma lahaqx sar il-hlas, il-Qorti ordnat l-isfilz tat-tieni rapport tal-periti perizjuri.

Rat in-nota tal-abili difensur tar-rikorrent.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Il-Qorti taqbel perfettament dwar l-apprezzament tar-responsabbilta' ta' l-incident da' parti tal-intimata. Infatti l-incident sehh meta l-attur kien wiehed jahdem fuq magna li taghmel il-*concrete* fil-forom. Fid-dizinn originali tal-

magna l-forom kienu jitwahhlu mal-parti ta' taht tal-magna b'*self-tapping screws*. Billi, izda, l-produzzjoni ghas-suq lokali hija limitata, u ma huwiex fattibbli li jkun hemm magna differenti ghall kull forma differenti, is-socjeta` konvenuta kienet tibdel il-forom flok tuza magna ohra biex taghmel *concrete* ta' daqs jew ghamla differenti. **Minhabba f'hekk il-forom ikollhom jinbidlu xi erba' darbiet fil-gimgha, li huwa hafna aktar spiss milli kien mahsub fid-dizinn tal-magna**, u ghalhekk inholoq sistema fejn il-forom jitwahhlu mhux b'*self-tapping screws* izda b'sistema ta' viti u skorfini (*blots and nuts*).'

***D2. Safe system of work u ligijiet:***

Jibda biex jinghad li huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol. Dan huwa principju generali li jitfa' obbligu fuq min ihaddem, mhux biss f'kaz ta' fabbriki, magni jew oggetti ohra innominati, izda biex jipprotegi lill-haddiema anke minn att ta' terz, bhal per ezempju azzjoni ta' xi haddiem iehor jew terza persuna. Il-post tax-xoghol ghandu jkun hieles minn kull periklu ghas-sahha u sigurta` sa fejn ragjonevolment prattiku. Ghandu jkun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika ta' l-impjegati. Infatti f'dan it-tip ta' kawzi, azzjoni ma tkunx bazata biss fuq il-principji generali tar-responsabbilta` *aquiliana* kif tirrizulta mill-Kap 16 art 1032, izda wkoll minn ligijiet statutorji vigenti fiz-zmien ta' meta jsir l-incident.

L-Ordinanza Dwar il-Fabbriki (Kap 169) kienet tirregola diversi aspetti ta' sahha u sigurta` tal-haddiema. L-Att VII ta' l-1994 [L-Att bit-titolu Promozzjoni tas-Sahha u Sigurta` Fuq ix-Xoghol] (Kap 367) ha post l-Ordinanza Dwar il-Fabbriki, izda bis-sahha ta' l-artikolu 18(2) ta' l-Att, ir-regolamenti kollha li kienu bis-sahha tal-Kap 169 baqghu fis-sehh anke wara r-revoka tal-Kap 169. Fost l-Avvizi Legali l-aktar importanti li baqghu fis-sehh meta sar l-Att VII ta' l-1994 kien hemm ir-Regolamenti ta' l-1986 Dwar il-Fabbriki (Sahha, Skansar u Hsieb Generali – Avviz Legali 52 ta' l-1986). F'dawk ir-regolamenti l-artikolu 49(3) kien jelenka d-doveri ta' l-*employers* favur l-impjegat u

senjatament is-subartikoli a, f, g, kif ukoll is-subartikolu 4. Fl-artikolu 50 hemm elenkati d-dmirijiet ta' l-impjegati.

L-Att XXVII ta' l-2000 (Kap 424) dwar l-Awtorita` Dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol dahal fis-sehh in virtu` ta' l-Avviz Legali 121 ta' l-2001 [li permezz tieghu gie stabbilit it-3 ta' Mejju bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet tat-Taqsima III (artikolu 8 sa 14) ta' l-Att bdew isehhu], u ta' l-Avviz Legali 9 ta' l-2002 [li permezz tieghu giet stabbilita d-data tad-29 ta' Jannar 2002 bhala d-data meta d-dispozizzjonijiet kollha li jifdal ta' dan l-Att ghandhom jidhlu fis-sehh], u b'hekk l-Att VII ta' l-1994 (Kap 367) ma *baqax in vigore.*

L-artikolu 6(1) tal-Kap. 424 - L-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol jghid li:
"Min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghal dik il-persuna li thaddem."

L-artikolu 6 (2) ta' l-istess Kap. 424 jindika l-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min thaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xoghol, liema mizuri ghandhom jittiehdu fuq il-bazi tal-principji ta' prevenzjoni msemmija fil-ligi stess. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li s-socjeta` intimata hadet imqar xi wahda minn dawn il-prekawzjonijiet.

Inoltre permezz ta' l-artikolu 9 tal-Kap 452, id-dispozizzjonijiet tal-Kap 424 u r-regolamenti vigenti bis-sahha ta' l-istess Kap 424 jaghmlu parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati (ara artikolu 6 tal-Kap 424).

***<u>D3. Safe system of work u gurisprudenza:</u>***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Grech vs Carmelo Bugeja *et*** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2006 minn din il-Qorti kif presjeduta nghad:
"Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:

A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz taht ic-cirkostanzi tat-tip ta' xoghol [*safe place of work*];
B. il-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] m'ghandux ikun wiehed perikoluz [*safe system of work*]; hemm erba' elementi li jirrendu *a system of work unsafe* –
a. *that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably forseeable*;
b. *that there were reasonably practicable means of obviating such risk*;
c. *that the plaintiff's injury was caused by the risk in question*;
d. *that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety*;
C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li s-sistema hija necessarjament wahda li ma fihix periklu;
D. il-haddiema jkollhom ghodda li ma twassalx ghal perikolu [*safe tools and proper machinery*];
E. il-haddiema ghandhom ikunu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu [*properly skiller workers*];
F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx tahrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem f'dak it-tip ta' xoghol il-haddiem;
G. ir-responsabbilta` tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;
H. il-haddiema ma ghandhomx ikun traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;
I. kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz".

Fil-kawza fl-ismijiet **Armando Caruana vs Filomenu Pace** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta, fid-19 ta' Gunju 2007, saret referenza ghall-kawza **Grezzu Scicluna vs C. Cini & Sons Limited,** deciza fis-27 ta' Lulju 2006, fejn kien gie citat **Whincup** mill-ktieb *Modern Employment Law***,** fejn kien hemm elenkati erba' principji bazici. Dawn huma:

*1. "1. the employer must ensure that the employee knows the dangers*

*2. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers*
*3. the employer must ensure that the precautions are available,*
*4. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available."*

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Bugeja vs Montanaro Gauci**, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004:
"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*'"

Ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti per Imh. D. Scicluna fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Portelli vs Godfrey Leone Ganado ghan-nom ta' l-Enemalta Corporation *et*** deciza 15 ta' Dicembru, 2005 inghad li:
"Kwantu mbaghad ghat-Telemalta, kull *employer* huwa obbligat jipprovdi *a safe system of work*. Hawn, in-nuqqasijiet tat-Telemalta huma evidenti: la kienet tipprovdi xi forma ta' *safety equipment*, ma ntalbitx is-sospensjoni tad-dawl sakemm isiru x-xoghlijiet u lanqas kienet tipprovdi training adegwat ghal xoghol li talvolta seta' jkun perikoluz (ghalkemm f'dan il-kaz l-attur kien ilu jahdem f'dan ix-xoghol madwar tnax-il sena u ghalhekk kellu esperjenza sostanzjali tant li mill-provi rrizulta li qatt ma kellu incidenti ohra)."

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta**, deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara minn qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed *safe*"."

Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta’ April, 2007, Imhallef Dr. T. Mallia, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited**:
“Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahqet fuq il-htiega ta` supervizjoni (“**Agius vs All Services Ltd**”, deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien *safe*, izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-apparat kollu fornit lilhom.”

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Attard***,* deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:
“min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* apparat ta` *safety*, izda ghandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta’ l-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita.”

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi li l-principji li jirregolaw ir-responsabbilta` ta’ sid  ta’ intrapriza biex ihares is-sahha ta’ l-impjegati tieghu huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza **Wilsons & Clyde Coal Co. Ltd vs English**, *House of Lords*, 1937, Lord Maughaw osserva:
“*In the case of  employments involving risk….it was held that there was a duty on the employer  to take reasonable care, and to use reasonable skill, first to provide and maintain proper machinery, plant, appliances and works, secondly, to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly, to provide a proper system of working*.”

Fil-kawza, fl-ismijiet **John Sultana vs Francis Spiteri *et noe*** deciza fit-28 ta’ Mejju 1979, il-Qorti tal-Kummerc spjegat illi min ihaddem ghandu “d-dover  li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta’ sikurezza ghal min ikun qed jahdem”.  L-obbligazzjonijiet principali ta’ min ihaddem huma mhux biss li jipprovdu “*safe tools*” u “*a safe system of work*”, imma xejn anqas minn “*a safe place of work*.”  Dan il-principju gie ribadit diversi drabi mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Grech  vs Carmelo sive Charles Farrugia *et noe*** (Appell 7 ta’ Dicembru 1994).  **Joseph Bugeja vs**

**Anthony Falzon,** (Prim'Awla 30 ta' April 1997, **Keith Caruana vs Joseph Paris *et noe*** (Prim'Awla 12 ta' Frar 1999) **Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited,** (Prim'Awla 25 ta' Jannar, 2000) u **Carmel Cini vs Caccopardo *nomine*** Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1999). (Ara wkoll **Michael Fenech vs Sammy Meilaq *noe***, Prim'Awla Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001).

Hawnhekk, ta' min jikkwota lil **Goddard L.J.** *to be:*
"*not merely to warn against unusual dangers known to them….but also to make the place of employment ….as safe as the exercise of reasonable care would permit." "The duty is owed to each individual servant individually*." (p.1035).

Fil-gurisprudenza nostrana, gie ritenut kemm-il darba li huwa l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tieghu. Fi **Schembri vs Caruana *noe***, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 1983, inghad:
"wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghagla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol; dawn huma kollha fatturi li min ihaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xoghol u johloq dak li komunament hu msejjah "*a safe system of work*."

Inoltre, gie indikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu, **Cini vs Wells *noe***, Prim'Awla Qorti Civili deciza fid-29 ta' Mejju 2001. (Ara wkoll **Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons Marketing Limited** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003)…

Ukoll, fil-kawza **Grech vs Ellul** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1996, intqal:

"*It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work.*"
(Ara wkoll **Carmel Grima *et* vs Carmelo Penza *pro et noe*** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004).

Dwar is-sinifikat tal-kliem *reasonably practicable*, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo** fejn intqal:
"*seems to imply that a computation must be made by the owner in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them - the risk being insignificant in relation to the sacrifice - the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonably practical to provide a safety measure is on the person whom the duty is imposed*." [**Walter Wilson & Son vs Summer-field -** 1956 - 1 W.L.R. 1429]. F'**Gibson vs British Insulated Calender's Construction Co. Ltd** - 1973 - S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "*it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge*" [**Charlesworth** - "*On Negligence*" – 6th *Edition* - 1152-1153].

Illi fil-kawza **Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna f'ismu proprju u kif ezercenti l-kummerc taht l-isem Edmar Clothing u Maria Scicluna mart Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna ghal kull interess li jista' jkollha** [Appell Civili Numru. 105/2002], deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2009, inghad illi "Dwar l-operat ta' l-attrici, din il-Qorti tinnota illi hija kienet qed tagixxi skond l-ordnijiet tal-*employer* taghha, u ma ghamlet xejn li seta kkontribwixxa ghall-incident… …"

Illi min ihaddem hu tenut jadotta l-mizuri kollha idoneji biex jittutela lill-impjegati tieghu. Fis-sentenza gja citata *supra* ta' **Paul Debono vs Malta Drydocks**, inghad li:
"Jekk l-impjegat jirnexxielu jassolvi tali oneru tan-nuqqas ta' mizuri adegwati ma ghandux ghalfejn, *stricto jure*, jiddemostra s-sussistenza tal-kolpa tal-principal inadempjenti. Jinkombi fuq dan ta' l-ahhar li juri li l-event leziv sehh minhabba fatt mhux imputabbli lilu;"

Min ihaddem jista' jonqos mid-dmirijiet tieghu jekk, kif jikteb Munkman fil-ktieb tieghu *Employers' Liability At Common Law* (7$^{th}$ Edition, Butterworths pg 129) jekk:
"*1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligation.*
*2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger and doing nothing to remedy it.*
*3. Thirdly the employer knowing of a defect on his plant or premises or of a danger in the course of the work may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.*
*4. Fourthly though the employer does not know that anything is wrong it may be that he ought to know - that is, he could have found out by reasonable care*."

Dwar x'jaghmel *unsafe system of work* jinghad li dawn jistghu jigu elenkati b'dan il-mod:
1. jekk min ihaddem ikollu xoghol li jinvolvi riskju ta' korriment li wiehed seta' ragonevolment jarah minn qabel;
2. li kien hemm mezzi normali li dan ir-riskju jigi eliminat;
3. li l-korriment tal-vittma kien kawzat mir-riskju fuq imsemmi;
4. illi n-nuqqas ta' min ihaddem li jelimina r-riskji juri n-nuqqas ta' kura ragonevoli ghas-sigurta` tal-vittma.

Illi l-awtur **Francesco Ricci (Corso Teoretico - Pratico di Diritto Civile** (UTET, 1912) Vol. VI, 85 p.113) jghid illi l-ghemil li jista' jirrizulta fi htija:
"...*non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo in colpa quando faccio quello che non avrei dovuta fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto a trascuro di far cio' che avrea dovuto fare*".

Minn dan jitnissel car li l-*employer* ghandu l-obbligu li jipprovdi *safe place of work*, *safe system of work* li telimina l-periklu, li jkun hemm mezzi li jnehhu jew inaqqsu l-periklu, li jiprovdi l-ilbies kollu necessarju kif ukoll taghmir ghal *safety*. Ghandu l-obbligu li mhux biss jipprovdi l-ilbies u t-taghmir l-iehor izda jara li fil-fatt dawn jigu uzati mill-haddiema kif suppost u li ma jhallix haddiema jahdmu jekk mhux imliebsin kif suppost. Aktar ma hu specjalizzat ix-xoghol u aktar ma hu perikoluz, jizdied il-bzonn ta' tahrig adegwat. L-*employer* ghandu l-obbligu li jghaddi l-informazzjoni lill-haddiema dwar il-mezzi tax-xoghol u ghandu l-obbligu wkoll li jaghmel is-sorveljanza li twassal ghal sistema *safe*. Irid wiehed jiftakar ukoll li l-fatt li haddiema ghal zmien twil jaghmlu tip ta' xoghol, mhux necessarjament ifisser li jispicca l-periklu. L-*employer* irid iqis li l-haddiema jridu jkunu addestrati tajjeb u li l-ambjent kollu tal-post tax-xoghol ikun kif suppost, minghajr l-icken possibbilta` ta' periklu sakemm dan mhux assolutament necessarju wara li jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha. Izda l-haddiema ma jistghux jinsew li huma ghandhom l-obbligi wkoll li jaraw li jkollhom l-ilbies protettiv, li makni qed jahdmu tajjeb u li mhux qed jissottomettu lilhom infushom ghal xi periklu esagerat. Huma ghandhom l-obbligu li ma jiehdux riskji zejda u li jinfurmaw lill-imghallem taghhom jekk ihossu li hemm xi periklu sproporzjonat. Ghandhom l-obbligu li jilbsu l-apparat provvdut lilhom, li jimxu ma' dak li jghidilhom il-*foreman* u ma' l-elementi li tirrikjedi l-ligi. M'ghandhomx jaghmlu xoghol bil-ghaggla li jista' jwassal ghall-korriment taghhom jew ghal kollegi fuq ix-xoghol.

***D4. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u

t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.”

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta’ qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta’ paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta’ qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta’ l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***D5. Multiplier:***

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:

"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20

fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |

| | |
|---|---|
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 47 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta' 13 ghall-kaz in ezami.

***D6. Paga u gholi tal-hajja:***
Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent kien qed jaqla' salarju *gross average* ta' €10,920 riferibbli ghas-sena bazi 2001. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b'€303.78 ghal 13-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta' l-incident (€10,920) u dak tal-ahhar salarju (€3,949.14 + €10,920 = €14,869.14) ossia €10,920 + €14,869.14 /2 = €12,894.57] u jwassal ghal €12,894.57.

***D7. Dizabilita`:***
Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:
"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."
Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
“l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga’ tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn”
U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta’ April 2005 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
“Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta’ qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta’ linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta’ din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja.”

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa’ f’latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f’dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim’Awla, 9 ta’ Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 11 ta’ Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
“*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*”;

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Aspett iehor importanti hija l-komputazzjoni f'kaz ta' ***multiple injuries*** u s-sistema li jintuza biex jinhadem.

Lord Justice Morris, fil-kawza **Scott vs Musial**, stqarr:
"*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion*."

L-awtur **Munkman** fil-ktieb tieghu *Damages for personal injuries and Death* jispecifika li:
“One method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls *short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb*.”

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti, per Imhallef G. Valenzia fit-30 ta’ April 2001, fl-ismijiet **Joseph Bartolo *et* vs George Zammit**, il-Qorti ghaddet id-dizabililta` relativa ghan-nuqqas ta’ toghma u xamm (20%), *post concussional syndrome* (5%), possibbilta` epilepsija (9%), telf ta’ vista (12%) u *disfigurement* (2%), total ta’ 48%. Fis-sentenza **Saviour Sammut *et* vs Robert Demanuele**, 326/98GV deciza fit-12 ta’ Lulju 2002 per Imhallef G. Valenzia, il-Qorti wkoll ghaddet flimkien it-18% riferibbli ghall-ksur fin-naha tal-lemin tal-*pelvis* mal-20% tan-nuqqas fil-vista u waslet li t-38% jirrapprezenta grad ta’ inkapacita` li jirrispekkja telf ta’ indipendenza konsegwenti ghal danni li l-attrici sofriet fil-vista u f’riglejha.

Fis-sentenza **Paul Bottone *et noe* vs Rita Saliba *et***, deciza fis-7 ta’ Jannar 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, Imhallef Ray Pace, f’pagna 15 inghad:
“Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iz-zewg persentaggi ta’ dizabilita` fizika (8%) u dik psikologika (21.42%) ghandhox jinghaddu flimkien biex jirrizulta persentagg wiehed jew jekk jittehidx *average*.  Din il-Qorti taghzel li ma tghoddx iz-zewg persentaggi flimkien imma li taghti persentagg wiehed li jikkomprendi t-tnejn u fil-kaz odjern thoss li l-persentagg ta’ dizabilita` permanenti ghandu jkun ta’ 25%.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim’Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta’ Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, il-percentwali ta’ dizabilita` stabbilit mill-Qorti kien dak *weighted* f’percentwali globali.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Debono vs Andrew Vaswani**, Citazz. Nru. 48/94, deciza fit-3 ta’ ottubru 2003 mill-Qorti

Civili Prim'Awla, per Imhallef Philip Sciberras, fir-relazzjoni peritali kien intqal li l-persentagg ta' dizabilita` ta' 18% ta' snien jew xedaq kien gie assommat ma' dak ta' l-24% ghal griehi fil-wicc skond l-espert dentali u b'hekk lahhaq 43%. Hawn il-Qorti f'pagna 8 qalet:

"Sewwa irrilevat l-attrici fin-Nota responsiva ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 83) illi z-zewg esperti ma ghamlu l-ebda "*overlapping*" billi l-wiehed (Dr. Zammit Maempel) "eskluda kwalunkwe konsiderazzjoni ta' snien jew xedaq" fl-evalwazzjoni tieghu, mentri l-iehor (Prof. Portelli) attribwixxa percentwali ta' dizabilita` "li jkopri biss il-wicc;""

Ghalhekk jidher li minhabba diskrezzjoni mhollija f'idejn il-gudikanti, diversi qrati u awtoritajiet taw sistemi diversi ta' kif jinhadem il-valur kombinat meta l-vittma tbati minn diversi persentaggi ta' dizabilita` relativi ghal diversi *injuries* jew *impairment ratings*.

Il-Qorti trid tezamina l-aspett ta' *Lucrum Cessans* u *Combined Values* meta tigi biex tistabbilixxi l-persentagg ta' dizabilita` totali ta' persuna jekk bhala kawza ta' l-incident ikunu irrizultaw diversi *injuries* (*impairment ratings*). Infatti wara li jgu stabbiliti l-*impairment ratings* ghall-kundizzjonijiet kollha kawza ta' l-incident, fil-fehma tal-Qorti kif presjeduta ma tasalx ghal percentagg ta' disabilita` billi tghodd l-*impairment ratings* f'daqqa, izda billi tuza l-formula taht imsemmija. Din hi bazata fuq il-principju tal-"*whole person impairment*" u li tghaqqad flimkien id-diversi *ratings* kif modifikati, tibda bl-akbar u tahdem it-tieni fuq ir-rimanenti; u tibqa' dejjem miexi hekk.

Dan iwassal ghall-applikazzjoni tal-formula segwenti:
Valur kombinat ta' A u B = A + B (1 - A/100) irrontondat ghall-aktar *integer* vicin. Bl-istess mod jekk ikun hemm *impairment ratings* ohra, dawn jigu mahdumin bl-istess sistema, u cioe` billi tapplika l-persentagg fuq ir-*remaining capacity*.

Mir-rapport mediku ta' Mr. Apap Bologna jirrizulta li d-dizabilita` prezenti ta' l-attur hija ta' 40% ; u tal-Prof Peter Muscat ta' 70%. Permezz tal-fomula fuq uzata, wiehed

irid jasal ghal valur kombinat ta’ 40 + 70 (1 – 40/100) u cioe` 82%.

***D8. Lump Sum Payment:***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b’ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
“jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003. ”

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fid-11 ta’ April, 2001 u s-sentenza qed tinghata sentejn sentejn wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta’ 8%.

***D9. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta’ dan it-tip ta’ kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D10. Likwidazzjoni ta’ l-ammont ta’ lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta’ l-attur [€10,920] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €12,894.57.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 13. Dan igib l-ammont ta' €167,629.41;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 82% u ghalhekk jammonta ghal €137,456.12;

IV. wara jrid jitnaqqas 8% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €126,459.63;

***D11. Damnum emergens:***

Il-Qorti taqbel mall-kwantifikazzjoni tad-Damnum emergens kif komputata mill-Perit Legali fl-ammont ta' €18216.

Ghalhekk meta tghodd l-ammont dovut bhala *Lucrum Cessans* ma' dak dovut bhala *Damnum Emergens*, dan iwassal ghall-ammont ta' €144,675.63.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel"* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 10920 |
| Multiplier | M | 13 |
| Lump sum payment | L | 8 |
| Dizabilita` | D | 82% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| *Damnum emergens* | | 18216.00 |
| Amount due | | €144675.63 |
| | | |

Dwar it-talba ghal imghax il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 minn fejn jirrizulta car li l-imghaxijiet huma dovuti mil-likwidazzjoni.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li ma kellha ebda htija.

Tiddikjara li l-incident li sehh fil-11 t'April, 2001 fil-lokal tas-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghalih is-socjeta` konvenuta.

Tillikwida d-danni kollha skond il-ligi li l-attur sofra u se jsofri b'konsegwenza ta' l-imsemmi korriment fl-ammont ta' €144,675.63.

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur dan l-ammont bl-imghax legali mil-lum sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 2002 kontra s-socjeta` konvenuta.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------